MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 518/1994/1

Kawza fil-lista: 7

**Stephen D' Alessandro fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' D' Alessandro & Associates Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess**
**Vs**
**Carlo Cini bhala President u Joseph Hili bhala Segretarju Generali Onorarju, it-tnejn ghan-nom u in rapprezentanza tal-Association of General Retailers & Traders u b'digriet ta-29 ta' Ottubru 2004 l-isem Carlo Cini gie sostitwit bl-isem Charles J. Busuttil u l-isem Joseph Hili gie sostitwit bl-isem Philip Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur nomine ftiehem mal-konvenuti nomine li huwa jipproduci ghan-nom taghhom il-gurnal “The Retailer” fuq bazi mensili ghas-spejjes tieghu ghal somma fissa ta’ Lm100 fix-xahar li kellha tithallas kull xahar bhala “Royalties” lil konvenuti nomine inkluzi l-ispejjes tal-posta u dan ghal perjodu ta’ sentejn mill-pubblikazzjoni ta’ Jannar 1993 sa’ Jannar ta’ 1995 u dan skond Dok. A;

Peress illi l-attur nomine beda jezegwixxi l-kuntratt li kellu mal-konvenuti u fil-fatt ippublika erbatax il-harga tal-gurnal fuq imsemmi, liema xoghol dejjem kien ta’ livell gholi u skond is-sengha u l-arti kif jirrizulta minn Dok. B;

Peress illi l-attur nomine accetta l-inkariku tal-publikazzjoni, bl-intiza li huwa ittejjeb il-kwalita’ tal-harga kif ukoll bl-intiza li r-riklamar fil-harga jizdied u b’hekk jaghmel profitt;

Peress illi recentement il-konvenuti nomine b’mod abbuziv u illegali waqfu lis-socjeta’ attrici milli tkompli tippublika l-harga taghha u dan minkejja l-ftehim kontrattwali ta’ bejniethom u konsegwentement b’telf ta’ profitt ghas-socjeta’ attrici;
Peress illi dan il-ksur tal-obbligi kontrattwali konsistenti fin-nuqqas ta’ adempjenza tal-ftehim sa erbgha w ghoxrin harga qed jikkawza danni ingenti lill-attur nomine b’konsegwenza ta’ telf ta’ profit u ta’ danni;

Peress illi l-attur nomine interpella lill-konvenuti nomine biex jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni minnhu sofferti, pero baqghu inadempjenti;

Jghidu l-konvenuti nomine, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti nomine kienu kontrattaw mal-attur nomine biex jippublika l-harga ta’ “The Retailer” ghal perjodu ta’ sentejn minn Jannar 1993 sa Jannar 1995.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti nomine huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine inkluzi telf ta' profit fuq ir-riklami tal-hargiet sussegwenti tal-pubblikazzjoni "The Retailer" sa Jannar 1995 u ta' danni ohra sussegwenti u accessorji meta huma bhal ebda raguni valida fil-ligi waqqfu lill-attur milli jkompli johrog il-publikazzjoni "The Retailer" wara sena mid-data tal-bidu tal-ftehim li hu ghal sentejn sa Jannar 1995.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut nomine konsistenti mit-telf ta' profit u danni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu dawk id-danni likwidati kif stabbiliti minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali ta' 29 March 1994, u tal-mandat ta' sekwestru numru 1288/94 u mandat ta' qbid ta' 14 ta' April 1994 numru 1287/94 u bl-ingunzjoni tal-kovenuti nomine ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

1. Illi l-partijiet ftehmu verbalment illi l-"Retailer" kellu jigi ppublikat minn xahar ghal xahar minghajr ebda perjodu ta' terminu liema ftehim gie konkluz verbalment u inghata bidu ghal esekuzzjoni tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess, ghandu jinghad illi l-kontendenti sussegwentement dahlu f'negozjati biex jikkonkludu ftehim iehor li kellu jigi redott bil-miktub.

3. Illi dan il-ftehim ma giex la finalizzat bejn il-partijiet u ghalhekk thalla fil-perjodu tan-negozjati u wisq anqas ma ffinalizzawhx bil-miktub kif kien qieghed jigi propost.

4. Illi ghalhekk dan l-ahhar allegat ftehim ma huwiex legalment vinkolanti bejn il-partijiet.

5. Illi ghalhekk mhux minnu li l-kontendenti ikkontrattaw ghal perjodu ta' sentejn u ghalhekk lanqas m'hu minnu li l-konvenuti nomine kisru xi obbligu kontrattwali.

6. Illi minghajr pregudizzju tal-premess, kieku verament sar ftehim ta' sentejn, li certament mhux il-kaz, dan sar ma persuna li ma kienetx awtorizzata torbot lill-Assocjazzjoni konvenuta u ghalhekk m'ghandu l-ebda validita legali.

7. Illi minghajr pregudizzju tal-premess mhux minnu li r-revista kif prodotta mill-attur noe kienet ta' livell gholi anzi x-xoghol kien ta' livell pjuttost baxx.

8. Illi minghajr pregudizzju tal-premess, l-ammont ta' danni pretizi mill-attur noe (skond Dokumenti F1 u F2) huma manifestament esagerati u fittizji.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta' l-attur noe ghandhom jigi mhux michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur noe.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjonijiet tal-perit pegali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti u tal-perit komputista John Bonnici, minnhom debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-fatti nkontestati huma s-segwenti. Fl-ahhar tas-sena 1992 l-attur kien gie avvicnat minn Charles Sacco, allura Direttur Generali tal-assocjazzjoni konvenuta, bi proposta li s-socjeta' attrici tiehu hsieb il-pubblikazzjoni tal-gurnal taghhom bl-isem “The Retailer”. Sar ftehim verbali inizjali fis-sens li dan il-gurnal kellu johrog kull xahar ghas-spejjez tal-attrici li min naha taghha kellha thallas is-socjeta' konvenuta rata mensili ta' Lm100. Dan il-ftehim ta' modus operandi gie attwat immedjatament u l-magazine beda

johrog kull xahar, u dam johrog sa Jannar 1994. Mhux kontestat li b' kollox nhareg ghal erbatax il-xahar.

Illi nonostante dan il-ftehim inizjali is-socjeta' attrici u l-assocjazzjoni konvenuta, kif rapprezentanti, komplew bid-diskussjonijiet sabiex ir-rapport guridiku taghhom jigi tradott bil-miktub. Di fatti gie redatt abbozz[1] ta' ftehim datat 12 ta' Frar 1993 fejn, inter alia, gie stipulat terminu ta' sentejn. Klawsola 2.8 taqra hekk: ".. the agreement to be entrered into shall be valid for a period of two years starting as from January 1993, automatically renewable for a further two year period…"[2]

Illi nonostante li dan l-abboz kien gie mibghut mill-attur nomine lill-konvenut nomine permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 1993[3] u nonostante li, skond xhieda tal-konvenut mhux kontradetta, l-attur nomine kien baqa' jinsisti sabiex dan il-ftehim jigi ffirmat, u nonostante li fil-frattemp il-magazine baqa' johrog kull xahar sa Jannar 1994, l-abbozz qatt ma gie ffirmat.

F' dan l-istadju jiddipartixxu l-versjonijiet tal-partijiet. L-attur jsostni li "id-durata tal-inkarigu qatt ma kienet issue jew punt ta' diskussjoni. Il-minimu kien ta' sentejn."[4] Jsostni li d-diskussjonijiet li wasslu ghall-abbozz kienu "jiccentraw fuq ir-rati tal-pustagg … u fuq il-management fee li sussegwentement ftehmna fuqhom tant illi hrigna erbatax il-issue".

Charles Sacco, li kien inkarigat mill-assocjazzjoni konvenuta specifikatament biex jinnegozja l-appalt mas-socjeta'attrici, minn naha tieghu, jghid li kien sar qbil fuq kollox hlief fuq il-perijodu tal-kuntratt. "Fuq din il-kwistjoni taz-zmien ma kienx hemm qbil."[5] Izda Anthony Camilleri, l-allura President onorarju tal-assocjazzjoni, kien tah x' jifhem lil Sacco li kien hemm "tacit approval li nibqghu ghaddejjin bil-pubblikazzjonijiet."[6] Jghid ukoll li wara li

---

[1] Fol.6 *et seq.*
[2] Fol.8
[3] Fol.5
[4] Fol.52
[5] Fol.56 – sottolinear tal-Qorti
[6] Ibid.

kien tkellem mal-imsemmi Anthony Camilleri "il-probabilita' hi li jien ittamajt lill-attur li l-perijodu ta' sentenjn kien accettabbli u li jista' [sic] jigi accett mill-kunsill." Jghid li l-attur f' dan iz-zmien kollu baqa' jinsisti li niffimraw il-kuntratt, "pero' jien qatt ma tajthom kelma, la li ser niffirmaw u lanqas li hemm rifjut."

Mill-provi jirrizulta li t-tilwima bdiet meta f' Dicembru 1993 irrezenja Charles Sacco u lahaq minfloku Vincent Farrugia li minn naha tieghu ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni.

It-tesi attrici hija fis-sens li, ghalkemm l-abbozz ma giex iffirmat, izda kien hemm "tacit approval" minn naha tal-assocjazzjoni konvenuta, tant li l-ftehim baqa' jigi esegwit ghall-aktar minn sena. Il-konvenuti minn naha taghom isostnu li ma kienx hemm ftehim dwar terminu, u dak li kien qed isir kien fuq bazi mensili, u gjaladarba ma kienx hemm perijodu stipulat huma kellhom dritt iwaqqfu l-pubblikazzjoni fi kwalunkwe mument.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ghar-rizoluzzjoni tal-kawza huma applikabbli s-segwenti osservazzjonijiet guridici:

[1] *Onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* L-oneru tal-provat tal-fatt jirisjedi fuq minn qed jallegah. F' dan il-kaz huwa l-attur li qed jallega rabta kontrattwali b' terminu, u ghalhekk il-prova ta' l-ezistenza ta' dan il-fatt tirrisjedi fuqu;

[2] Huwa principju gurisprudenzjali sod li f' kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikalment konfliggenti dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenut; in kwantu huwa dejjem l-obbligu ta' l-attur li jipprova l-allegazzjoni tieghu *App.Inf. Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited [13.01.1999];*

[3] Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi <u>l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni </u>li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*." *[App.Civ. Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].*

[4] Illi l-Artikolu 114 [gia 118] tal-Kodici tal-Kummerc jiddisponi li "Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita' tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita"

Din id-dispozizzjoni ta' ligi giet interprtata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *App.S. Giuseppe Vella Gatt vs Giuseppe Darmanin*[7] bhala li tohloq prezunzjoni *juris et de jure*, "u hija intiza biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwistjonijiet fil-kummerc u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi ……. U tabilhaqq li kieku dik il-prezunzjoni kienet *juris tantum*, u ghalhekk tista' titwaqqa' bi provi testimonjali, l-effett kollu taghha kien jigi ridott fix-xejn; ghax l-iskop li ghalih saret, li tidderimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawzi, ma kienx jista'jigi raggjunt."

[5] In-natura tal-azzjoni tentata mill-attur jehtieg li tohrog car mill-premessi tat-talbiet tieghu, u mit-talbiet infushom kif redatti fl-att tac-citazzjoni. Huma dawn it-termini li jarginaw il-paramentri tal-azzjoni u hu entro dawn il-parametri li din l-Qorti ghandha tillimita u tikkontjeni l-konsiderazzjoniet taghha. *[Vol.LXXXII.II.799 App.S 98]*

Illi fil-meritu jigi osservat li l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq abbozz ta' ftehim, ittra mibghuta minn Charles Sacco wara li rrizenja mill-kariga ta' Direttur Generali, u l-fatt mhux kontestat li, nonostante li l-abbozz baqa' ma giex iffirmat mill-partijiet, il-ftehim baqa' jigi esegwit sa Jannar 1994. Huwa jsostni li l-fatt li l-ftehim baqa' ma giex iffirmat kien fatt incidentali, u li r-rabta kontrattwali kif espressa f' dan il-ftehim kienet qeda tigi osservata mill-partijiet u esegwita. It-tesi attrici hi fis-sens li kienet tezisti bejn il-partijiet rabta kontrattwali ghal-sentejn minn Jannar 1993 sa Jannar 1995, u ntalbet dikjarazzjoni gudizzjarja f' dan is-sens, preordinata ghal talba ghad-danni.

Il-konvenuti minn naha taghhom isostnu li, ghalkemm huwa minnu li l-appalt kien beda jigi esegwit, u kien hemm

[7] [1956][Vol.XLB.I.572 – Jigi osservat li f'dan il-kaz ukoll, il-partijiet kienu taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-appalt, izda il-ftehim ma kienx gie ffirmat.

ftehim fuq diversi fatturi, izda l-abbozz ma kienx gie iffirmat, mhux minhabba raguni accidentali, imma proprju ghax l-assocjazzjoni konvenuta ma rieditx tintrabat b' terminu, u kienet kuntenta li tiqis l-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici fuq bazi mensili.

Illi kif fuq premess l-oneru tal-prova ta' rabta kontrattwali ghal perijodu ta' sentejn tirrisjedi fuq l-attur li qed jallegaha. In propositu l-Qorti hija tal-fehma, li l-attur ifalli f' din il-prova in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-partijiet, u b' mod partikolari l-attur, riedu li l-ftehim raggjunt ma' Charles Sacco, ghan-nom tal-GRTU, jitnizzel bil-miktub. Di fatti sar abbozz datat 12 ta' Frar 1993 u saret diskussjoni fuqu minn naha ta' Charles Sacco ma' ufficjali ta' l-assocjazzjoni, tant li dan kien fehem li kien ser jigi accettat minn naha tal-Kunsill. Izda l-iffirmar tal-abbozz baqa' ma sehhx, u ghalhekk ghandha tipprevali l-prezunzjoni legali kontenuta fl-Artikolu 114 tal-Kap.13. Din il-prezunjoni tirrendi legalment insostenibbli l-argumenti tal-abbli perit legali li permezz taghhom wassal ghall-konkluzjoni favorevoli ghat-tezi attrici.[8]

[2] Illi rigward l-allegazzjoni li l-ftehim kien fis-sens li l-vinkolu kontrattwali jkun ghal perijodu minimu ta' sentejn, il-Qorti tosserva li, ghalkemm dan il-fatt jinsab sostnut kategorikament mill-attur nomine, tant li fix-xhieda[9] tieghu jghid li "il-perijodu ta' zmien qatt ma kien in issue."; din l-asserzjoni ssib konfront dirett fix-xhieda ta' Charles Sacco u konfortata bix-xhieda ta' ufficjali ohra tal-assocjazzjoni konvenuta. Charles Sacco jghid li "fuq din il-kwistjoni taz-zmien ma kienx hemm qbil" u "L-emendi kollha sar qbil fuqhom hlief dik dwar il-perijodu tal-kuntratt." Il-Qorti ma tikkondividix l-hsieb tal-perit legali li x-xhieda ta' Charles Sacco "hi guarded"; anzi ghall-kuntrarju dan ix-xhud fid-depozizzjoni tieghu kien kategorigu fl-asserzjoni tieghu.

[8] Fol.657 - 658
[9] Fol.60

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fl-ittra tal-4 ta' Marzu 1994 Charles Sacco stqar li hu u l-attur kienu qabblu li "[on] principle that to make financial sense the proposition of taking over The Retailer had to be worked out on a minimum period of three years."[10] u li fid-depozizzjoni tieghu qal li wara li kien tkellem ma' Anthony Camilleri "il-probabilita' hi li jien ittamajt lill-attur li l-perjodu ta' sentejn kien accettabbli u li jista' jigi accetta mill-Kunsill"[11]; izda dawn l-elementi ma jwasslux ghall-prova tal-vinkolu kontrattwali fuq dan l-aspett tat-terminu ta' sentejn, tenut kont tal-fatt li fid-deposizzjoni guramentata tieghu Charles Sacco jghid car u tond li fuq dan l-aspett ma kienx hemm qbil, u inoltre, l-effett legali tad-dispost tal-Artikolu 114 fuq citat jimmilita fatalment kontra din it-tezi.

Jigi osservat li dak li jkun ntqal fin-negozjati li jwasslu ghall-ftehim jista' jkollu valur interpretattiv tal-intenzjoni tal-partijiet li jkunu wasslu ghal ftehim; izda dan ghandu valur probatorju limitat hafna, ghax dak li jiddefenixxi l-volonta' kontrattwali tal-partijiet huwa dak li kellhom f' mohhom u li riedu fil-mument tal-kontrattazzjoni. Nonostante dak li ntqal fin-negozjati, il-provi juru li dwar l-aspett tat-terminu ta' sentejn ma kienx hemm qbil.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi ma rrizutlax sodisfacentement provat li fil-fatt kien hemm rabta kontrattwali ghal zmien sentejn bejn il-partijiet, u l-provi juru li t-tesi konvenuta f' dan is-sens ghandha tipprevali; anke ghax, kif fuq indikat, f' kaz ta' dubju dan ghandu jmur favur il-konvenuti u mhux favur l-attur li qed jaghmel l-allegazzjoni. Ghalhekk l-attur ma rnexxielux jipprova li bejn il-partijiet kienet tezisti rabta kontrattwali ghal perijodu ta' sentejn minn Jannar 1993 sa Jannar 1995 u konsegwentement l-ewwel talba attrici ma tistax tigi akkolta stante li ma ssibx sostenn fil-provi.
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tilqa' l-ewwel sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tichad l-ewwel talba attrici; u, stante li l-kumplament tat-talbiet attrici huma

[10] Fol.11 – sottolinear tal-Qorti
[11] Fol.56

konsegwenzjali ghall-ewwel talba, mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni taghhom.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku tal-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------